11 ta' Diċembru, 1954

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmel Cachia

**Traffiku — Kolliżjoni — "Skidding" — Negliġenza**

*F'materja ta' "skidding" ta' vettura tal-mutur il-prinċipju regolatur ma jistax ħlief ikun dan: li "skid" weħedha mhix la prova ta' negliġenza u lanqas skriminanti; hemm bżonn jiġi ndagat jekk kienx hemm negliġenza antecedenti jew konkomitanti; jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabilità, non ostante li "skid"; jekk ma tirriżultax, allura li "skid" hija "a good defence", għax tkun "inevitable accident".*

*Għaldaqstant, biex tirnexxi d-difiża ta' li "skid", jeħtieġ li l-imputat jipprova mhux biss li "skid" ġrat għal art tiżloq, imma wkoll illi li "skid" saret bla ebda negliġenza tiegħu u li hawa jkun ħa*

*l-prekawżjonijiet kollha li għandu jieħu driver prudenti meta l-art tkun tiżloq.*

*Meta d-driver jipprova, mhux biss il-fatt ta' li "skid" "sic et simpliciter", imma jipprova wkoll illi li "skid" saret bl-ebda mod ħtija tiegħu, iżda aċċidentalment, b'mod li l-vettura, bla ħtija tiegħu u aċċidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluża n-negligenza li tagħti lok għar-responsabilità kriminali.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja kontra l-imputat, talli f'Bormla, fit-12 ta' Diċembru, 1953, f'xi-3 p.m., waqt li kien isuq truck numru 1706, b'nuqqas ta' għaqal, bi traskuraġni, u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ħabat mal-car numru 12842 u għamlilha ħsara kbira, ikkaġuna offiża gravi minħabba sfreġju fuq il-persuna ta' Lily Portelli ta' 47 sena skond iċ-ċertifikat ta' Dr. Giacomotto, M.D., offiża ħafifa u bla ebda komplikazzjoni fuq il-persuna ta' Maurice Portelli ta' 21 sena, u offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Ugo Portelli, skond ċertifikat ta' Dottor Tabone, M.D.;

Rat it-talba magħmula mill-Kummissarju tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan ta' l-imputat;

Rat l-attijiet kollha tal-kumpilazzjoni;

Rat id-dokument fol. 44 li bih l-Attorney General irrimetta l-konjizzjoni tal-kawża lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' April, 1954, li biha sabet l-imputat ħati skond l-imputazzjoni, iżda lliberatu taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 tal-Liġijiet Kriminali;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża ssostni li l-kolliżjoni kienet dovuta għal "inevitable accident", minħabba li t-truck misjuq mill-appellant skiddja fuq art tiżloq bix-xita, b'mod li sar "unmanageable", bla ma kien hemm ebda negliġenza jew imprudenza anteċe-

żenti mill-parti tiegħu; anzi hu għamel dak li soltu jagħmel driver prudenti meta l-art tkun tiżloq minħabba x-xita;

Hu riċevut fid-dottrina u l-ġurisprudenza in materja illi "The skid itself is a neutral circumstance helping neither party. It is no defence to the driver to prove that his vehicle skidded, and it is equally no evidence of negligent driving on his part. The fact of a skid may suggest that the driver was driving too fast, or applied his brakes too suddenly having regard to the road conditions prevailing at the time, so as to be evidence of negligence on his part; but the skid may be consistent with the exercise by the driver of all due caution, and may be due either to the negligence of a third party or to inevitable accident";

F'kawża intentata quddiem il-Qrati Ingliżi minn wieħed li kien korra minħabba li ġie milqut minn omnibus li tela' luq il-bankina minħabba li skiddja, dan ġieb l-argument li l-fatt ta' li "skid" "sic et simpliciter" kien biżżejjed bħala prova ta' negliġenza, u li l-fatt li l-vettura tkun "on the road" meta l-art tkun tiżloq minħabba x-xita hu per sè negliġenza. Il-Qorti ta' l-Appell Ingliża rrespingiet dan l-argument, u l-Imħallef Vaughan-Williams qal: "I think that the fact that the defendant company placed such a carriage on the road to ply for passengers was no evidence of negligence, having regard to the fact that motor omnibuses have been running on the street of the metropolis for several years". L-Imħallef Fletcher-Moulton qal: "The mere occurrence of such an accident is not in itself evidence of negligence" (ara Wing vs. The London General Omnibus Co. (1909) 2 K.B. 652). Dan hu loġiku: għax inkella t-traffiku jkollu jieqaf għal kollox kull meta tkun ix-xita;

Għalhekk, il-prinċipju regolatur in materja ma jistax ħlief ikun dan: li "skid" weħedha mhijiex la prova ta' negliġenza u lanqas skriminanti: hemm bżonn li jiġi ndagat jekk kienx hemm negliġenza anteċedenti jew konkomitanti (p.e. speed żejjed, applikazzjoni bruska tal-brakes, tyres bil-"grooves" mikulin — fatturi dawn li jġibu li "skidding", barra oħrajn). Jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabilità l-istess, non ostante li "skid". Jekk ma tirriżul-

tax, allura li "skid" hija "a good defence", għax tkun "inevitable accident". Infatti "skid" tista' tiżviluppa minħabba tibdil tar-"road camber", minħabba "patch" taż-żejt ta' vettura oħra, minħabba l-"hopping" ta' rota għax ikun hemm ħofra fis-superfiċi tat-triq, eċċ. (ara ċitazzjoni mill-"Autocar" fol. 80 fin-nota ta' l-imputat). L-awtur tal-ktieb "The Motor — How to Drive a Car", p. 81, jikkwalifika li "skid", bir-raġun, bħala "one of the most disconceiting misdemeanours a car is heir to";

Għalhekk, biex l-appellant jirnexxi fid-difiża tiegħu, jeħtieġ li jipprova mhux biss li "skid", dovuta għall-art tiżloq, imma hemm bżonn li jipprova wkoll illi li "skid" saret bla ebda negliġenza tiegħu, u li hu ħa l-prekawzjonijiet kollha li għandu jieħu driver prudenti meta l-art tkun tiżloq;

I. Ma jidhirx li jista' jkun hemm xi dubju li l-art kienet tiżloq dak il-ħin tal-kollizjoni minħabba x-xita;

L-uniku xhud li qiesu jagħti ad intendere li dak il-ħin ma kienetx ix-xita hu s-Surgent Spiteri, li (fol. 21 tergo) jgħid li, għalkemm meta rrapportawlu l-każ, u x'ħin kien ħiereġ mill-Għassa, ix-xita kienet qegħdha tqattar u l-art kienet imxarrba, però taħt it-truck kien niexef. Kontra din ix-xhieda iżolata hemm, però, dawn il-provi:

*Omissis;*

Di fronti għal dan l-ammass imponenti ta' xhiediet konklamanti, kontradiċenti x-xhieda ta' Spiteri, u inklużi f'dawn ix-xhiediet unisoni dik ta' l-istess driver tal-car li ħabat miegħu t-truck ta' l-appellant u ta' l-okkupanti ta' dak il-car, il-Qorti ma tistax ma tirritjenix provat li dak il-ħin kienet ix-xita u li l-art kienet tiżloq bix-xita;

II. L-anqas jidher li tista' tiġi eskluża li "skid". Infatti .........;

Għalhekk, meta wieħed jieħu l-fatt indubitat li kienet ix-xita, u li l-art kienet tiżloq — fatt eżuberantement pruvat, u meta wieħed jikkunsidra dawn ix-xhiediet dwar li "skid" li ġew issa msemmija, ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni

pruvata bix-xhieda, u ferm verosimili, li t-truck skiddja finnižlu;

Altrimenti wieħed ikollu jgħid dak li hu assurd, ċjoè li l-appellant beda jsuq insensatament, jisswervja l-truck apposta 'l hawn u 'l hemm, u apposta jaqsam u jmur fuq il-car ta' Portelli;

Ma jistax wieħed jeskludi li "skid" meta l-unanimità tax-xhieda (komprizi dawk tal-Prosekuzzjoni (ħlief Spiteri), igħidu li kienet ix-xita u l-art kienet tiżloq, u meta x-xhieda li kienu got-truck igħidu li t-truck skiddja, u meta, bħala "res ipsa loquitur", it-truck bil-movimenti tiegħu ta' "zig-zagging" kien juri li kien ġos-"skid";

III. Però, il-fatt ta' li "skid" ma hux bizzżejjed. Jeħtieġ li jiġi pruvat li ma kienx hemm negliġenza ta' l-appellant:

A. Kwantu għal li "speed", il-provi huma dawn :

*Omissis*;

Ma jidherx, għalhekk, li, in vista ta' din ix-xhieda kombinata ma' dik ta' Attard u Buhagiar, wieħed jista' jasal raġjonevolment għal konklużjoni oħra ħlief li l-appellant kien qiegħed isuq bil-mod;

Lanqas għandu jintnesa li t-truck kien fuq "second gear" (il-"forward gears" fit-truck ta' l-appellant huma erbgħa); dan gear baxx, li bih li speed ikun moderat. Il-forza ta' l-"impact" u l-ħsara estiża kaġunata mit-truck lill-car hija spjegata bid-differenza kbira fil-massa tat-truck u dik tal-car, u bil-momentum li żviluppa t-truck bli "skid";

Mela, kwantu għal li speed, dan kien moderat, u ma kienx hemm negliġenza fuq dan ir-rigward;

B. Hu risaput li fuq art tiżloq hi prekawzjoni prudenti li jkun hemm "engine brake". Preċiżament, l-imputat kien nieżel fuq "is-second gear". Anzi jista' jingħad li l-imputat ħa prekawzjoni akbar milli soltu jieħdu drivers oħra ta' dik il-linja. Lonzu Bezzina, fix-xhieda tiegħu ........ Il-perit, fir-relazzjoni tiegħu, qal li l-appellant kien imissu qaleb fuq il-"first". Ma jidherx li din il-fehma tal-perit hi aċċettabbli;

għaliex anzi, kieku l-appellant ipprova jagħmel hekk, kien aktarx jippeġġjora li "skid". Infatti, dak li jgħidulu "changing down" jirrikjedi l-manuvra msejħa "double declutching", u fid-"double declutching" l-"engine" isir għall-mument "free"; dan iġib "acceleration", u din l-"acceleration" hi fatali għal "skid". Tant, li fil-ktieb "How to Drive a Car", p. 81, meta l-awtur jitkellem fuq il-periklu ta' toroq li jsiru "glassy in appearance" wara "a shower of rain", u meta javverti kontra massi perikolużi, isemmi proprju din, minbarra l-applikazzjoni tal-brakes, ċjoè "do not attempt rapid acceleration"; u d-"double declutching" iġib, għal dak il-mument, li l-magna tkun "free", appuntu din l-"acceleration";

C. Hu risaput li waħda mill-manuvri li tippreċipita li "skidding" hi l-applikazzjoni bruska tal-brakes, li biha r-roti jiġu "locked". "The main cause of skidding (ktieb ċitat, p. 82) is the sudden application of the brakes on wet road. The tyres lose their adhesion, the wheels lock, and the car slides". Driver li jagħmel dan, juri imperizja inkriminabbli. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellant ma applikax il-brakes;

D. Hu anki notorju li "skidding" isir aktar probabbli meta t-tyres ikunu qodma, għax allura l-"grooves" tagħhom ikunu mikulin u r-"rubber" ikun aktar jiżloq ("slipping"). F'dan il-każ it-tyres kienu ġodda; l-appellant kien għadu kemm xtrahom;

Minn dan kollu jiġi li t-truck daħal ġo "skid" u sar inkontrollabbli, u li l-appellant ma kien ħati ta' xejn li seta', b'negliġenza antecedenti jew konkomitanti, ipproduċa jew aggrava li "skid";

Issa, hu prinċipju li, meta driver jipprova mhux biss il-fatt ta' li "skid" "sic et simpliciter", għax dan hu fatt newtru, imma jipprova illi li "skid" ma sarx bl-ebda mod bi ħtija tiegħu, iżda aċċidentalment, b'mod li, bla ħtija tiegħu, iżda aċċidentalment, il-vettura saret inkontrollabbli, allura tiġi eskluża n-negliġenza li tagħti lok għar-responsabbiltà kriminali;

Iċ-ċirkustanzi kollha fuq eżaminati jikkonkorru biex din il-Qorti taċċetta l-verżjoni li biha, bla ebda "over-statement"

ta' l-imputat fix-xhieda tiegħu b'dawn il-kliem: "Dak inhar jiena kont Bormla........";

Jista' jiżdied li l-appellant, meta ġiet, bla ħtija tiegħu, li "skid", għamel l-uniku tentattiv li driver jista' jagħmel biex jikkoreġi l-andament tal-vettura, ċjoè f'każ ta' "rear-wheel skid", kif kienet f'dan il-każ (Calleja fol. 24 u Buhagiar fol. 25 tergo), ipprova "drive into the skid". Difatti, ix-xhud Attard, b'konferma ta' dak li qal l-appellant, xehed, fol. 22 tergo u fol. 23: "Jien kont indunajt ........". Jekk dan it-tentattiv ma rnexxiex, dan hu dovut għall-fatt li l-korrezzjoni ta' "skid" vjolenti, kif kienet din, ma hix ħaġa xejn probabbli; għax jista' jkun hemm, bla ebda ħtija tad-driver, "over correction", u jkun hemm bżonn ta' "swinging" ta' li "steering" fid-direzzjoni opposta, u jista' jiżviluppa wkoll "front wheel skid", li jirrendi aktar diffiċli l-irkupru tal-kontroll tal-vettura;

*Għal dawn ir-raġunijiet:*

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-appellant inhux ħati, u tordna li jiġi liberat.

---

**Tmiem tal-Volum XXXVIII.**

---